MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2012

Numru. 1072/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**GLENN-PAUL CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Glenn-Paul Camilleri, iben Joseph u Maria Dolores nee' Abdilla, data tat-twelid 23 ta' Lulju 1979, Pieta' joqghod 57, Ascot Blk B, Fl 3, Triq Birzebbuga, Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita' 149280(M)

Gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-12 ta' Ottubru 20012 ghal habta tat-tmienja u kwart ta' filghodu (08:15a.m.)

minn quddiem Dubliners, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, ikkometta serq ta' 5 garrar tal-birra liema serq huwa aggravat bil-valur (aktar minn Euros 232.56 izda mhux aktar minn Euros 2325.58) ghad dannu ta' Carl Francis Vassallo, Clint Emanuel Grima u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv skond artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok TM5 u nnutat li l-imputat Glen-Paul Camilleri m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Glenn-Paul Camilleri wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Glenn-Paul Camilleri bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Glenn-Paul Camilleri wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mid-droga u konsegwentement umilment talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation ghall-fini li jkun assistit dwar din il-problema.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien sebat (7) ijiem millum ihallas lill-parte civile u cioe' lil Carl Francis Vassallo u Clint Emanuel Grima is-somma ta' €325.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c), 267, 279(a), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Glenn-Paul Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u cioe' li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mid-droga u konsegwentement umilment talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation ghall-fini li jkun assistit dwar din il-problema, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Glenn-Paul Camilleri taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-problema serja ta' abbuz mid-droga.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.
Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Glenn-Paul Camilleri.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Glenn-Paul Camilleri kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Glenn-Paul Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------